MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2023 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 30th August 2023 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. How and by which process were the books of the Bible accepted as part of the Canon? Discuss.

2. God is superior to everything in the world as He is its creator. Discuss.

3. The Fourth Gospel is **not** one of the Synoptic Gospels. Discuss.

4. The resurrection of Jesus is presented in all the Gospels as a surprise to many. Discuss.

### SECTION B: THE CREED

5. Alister E. McGrath writes that faith "is about embracing a 'big picture' of reality, which is capable of catching the imagination, illuminating the reason, and creating an ethical vision for how we should live in the world." Discuss.

6. What is the Tradition of the Church, and what role did the early Church have in its preservation? Discuss.

7. "After the end there will be judgment. We will all be judged, each one of us will be judged" (Pope Francis–November 2016). Discuss how "we will be judged" and what are the consequences of this judgement.

8. How can we reconcile the truth about the holiness of the Church with the sinful reality of its members? Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 30 ta' Awwissu 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Iddiskuti kif u b'liema proċess ġew aċċettati l-kotba tal-Bibbja bħala parti mill-Kanoni.

2. Alla hu superjuri fuq kollox fid-dinja peress li Hu huwa l-ħallieq tagħha. Iddiskuti.

3. Ir-Raba' Evanġelju **mhuwiex** parti mill-Evanġelji Sinottiċi. Iddiskuti.

4. Il-qawmien ta' Ġesù huwa ppreżentat fl-Evanġelji kollha bħala sorpriża għal ħafna. Iddiskuti.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. Alister E. McGrath jikteb li l-fidi "hija dwar li tilqa' r-realtà sħiħa, li tkun kapaċi tqanqal l-immaġinazzjoni, iddawwal ir-raġuni, u toħloq viżjoni etika ta' kif għandna ngħixu fid-dinja." Iddiskuti.

6. X'inhi t-Tradizzjoni tal-Knisja, u xi rwol kellha l-Knisja tal-bidu fil-preservazzjoni tagħha? Iddiskuti.

7. "Wara l-mewt se jkun hemm ġudizzju. Ilkoll se nkunu ġġudikati, kull wieħed u waħda minna ser inkunu iġġudikati" (Papa Franġisku–Novembru 2016). Iddiskuti kif "se nkunu ġġudikati" u x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan il-ġudizzju.

8. Kif nistgħu nirrikonċiljaw il-verità dwar il-qdusija tal-Knisja mar-realtà midinba tal-membri tagħha? Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2023 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 31st August 2023 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

**LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY**

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

**SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS**

1. While the liturgy is the work of the Holy Trinity, yet, God the Father is the source and goal of the liturgy. Discuss the relationship between these **TWO** fundamental truths.

2. Elaborate on the origins of the Day of the Lord, and its significance for the Christian faith.

3. In what ways is the liturgy inextricably linked to signs and symbols?

4. "Through the sacraments of Christian initiation, the person receives the new life of Christ. Now we carry this life 'in earthen vessels,' and it remains 'hidden with Christ in God'. We are still in our 'earthly tent,' subject to suffering, illness, and death. This new life as a child of God can be weakened and even lost by sin" (CCC, 1420). Discuss the role of the Sacraments of Healing in this respect.

**SECTION B: CHRISTIAN MORALITY**

5. "The Beatitudes are at the heart of Jesus' preaching. They take up the promises made to the chosen people since Abraham. The Beatitudes fulfil the promises by ordering them no longer merely to the possession of a territory, but to the Kingdom of heaven" (CCC, 1716). Discuss with reference to the relevance of the Beatitudes in contemporary Christian life.

6. "God created the person a rational being, conferring on them the dignity of a person who can initiate and control their own actions" (CCC, 1730). Discuss with reference to the relationship between freedom and responsibility.

7. "In marriage the physical intimacy of the spouses becomes a sign and pledge of spiritual communion" (CCC, 2360). Discuss.

8. "In economic matters, respect for human dignity requires the practice of the virtue of temperance, so as to moderate attachment to this world's goods; the practice of the virtue of justice, to preserve our neighbour's rights and render him what is his due; and the practice of solidarity, in accordance with the golden rule and in keeping with the generosity of the Lord, who 'though he was rich, yet for your sake…became poor so that by his poverty, you might become rich'" (CCC, 2407). Discuss the implications of this statement.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 31 ta' Awwissu 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Filwaqt li l-liturġija hija l-ħidma tat-Trinità Qaddisa, madankollu, Alla l-Missier huwa l-għajn u l-għan tal-liturġija. Iddiskuti r-relazzjoni bejn dawn iż-**ŻEWĠ** veritajiet fundamentali.

2. Elabora fuq l-oriġini ta' Jum il-Mulej, flimkien mas-sinifikat tiegħu għall-fidi Nisranija.

3. B'liema modi l-liturġija hija marbuta b'mod inseparabbli mas-sinjali u s-simboli?

4. "Bis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, il-bniedem jieħu l-ħajja ġdida fi Kristu. Issa, din il-ħajja aħna nġorruha 'f'ġarar tal-fuħħar'. Għalissa għadha 'moħbija ma' Kristu f'Alla'. Għadna 'fl-għamara tagħna fl-art', imġarrbin mit-tbatija, il-mard u l-mewt. Din il-ħajja ġdida ta' wlied Alla tista' tiddgħajjef u tintilef ukoll permezz tad-dnub" (KKK, 1420). Iddiskuti l-irwol tas-Sagramenti tal-Fejqan f'dan ir-rigward.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. "Il-beatitudnijiet huma fil-qalba tal-predikazzjoni ta' Kristu. It-tħabbira tagħhom ittenni l-wegħdiet magħmulin lill-poplu magħżul sa minn żmien Abraham. Twassalhom għat-twettiq tagħhom billi tindirizzahom mhux aktar u mhux biss lejn it-tgawdija tal-art, imma lejn is-Saltna tas-Smewwiet" (KKK, 1716). Iddiskuti b'referenza għar-rilevanza tal-Beatitudnijiet fil-ħajja Nisranija kontemporanja.

6. "Alla ħalaq il-bniedem u żejnu bir-raġuni u tah id-dinjità ta' persuna mogħnija b'inizjattiva u sidt ta' għemilha" (KKK, 1730). Iddiskuti b'referenza għar-relazzjoni bejn il-libertà u r-responsabbiltà.

7. "Fiż-żwieġ l-intimità korporali tal-miżżewġin issir sinjal u rahan ta' għaqda spiritwali" (KKK, 2360). Iddiskuti.

8. "F'kull m'għandu x'jaqsam mal-ekonomija, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem jitlob li titħaddem il-virtù tar-rażan, biex ir-rabta mal-ġid ta' l-art ma tkunx bla qjies; li titħaddem il-virtù tal-ġustizzja ħa jiġu mħarsa d-drittijiet tal-proxxmu u kulħadd jieħu dak li ħaqqu; u li titħaddem is-solidarjetà skond ir-regola tad-deheb u skond l-id miftuħa tal-Mulej li 'kien għani u ftaqar, biex mill-faqar tiegħu nistagħnew aħna'" (KKK, 2407). Iddiskuti l-implikazzjonijiet ta' din id-dikjarazzjoni.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.